**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 6 ta' April, 2017**

**Pulizija**

**Spettur Daryl Borg**

**Vs**

**Carmine Di Cicco**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Carmine Di Cicco, iben Elisio u Marcella Elena, imwieled gewwa l-Italja, nhar id-29 ta' Mejju 1962, u residenti gewwa 81, Triq it-Tankijiet, Birzebbugia, Malta u detentur tal-karta tal-identita' numru 30718A;

Talli, nhar l-4 ta' Jannar, 2014, bejn l-ghaxra ta' filghaxija u nofs il-lejl , gewwa Triq l-Ghassara tal-Gheneb, Marsa:

1) Volontarjament ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' David Farrugia, hekk kif iccertifika Dr. Martin Slivka M.D. mill-Isptar San Luqa;

2) Volontarjament ikkaguna offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' David Farrugia, hekk skont kif gie iccertifikat minn Dr. J.P. Tabne M.D., mic-Centru tas-Sahha tal-Floriana;

3) Kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

4) Hebb kontra David Farrugia, sabiex jingurja, idejjaq jew jaghmel hsara lil din il-persuna jew lil haddiehor;

5) Ghamel lil David Farugia, ingurji jew theddid, jew jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni;

6) Gab ruhu b'mod lit a fastidju lil David Farrugia u b'mod li kien jaf jew kien imissu jkun jaf li dan kien ta' fastidju ghal dik il-persuna.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Semghet il-provi kollha prodotti;

Rat l-atti kollha tal-kaz;

**Ikkonsidrat:**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu, fil-qosor, is-segwenti. L-imputat, persuna ta' nazzjonalita' Taljana, kien fiz-zmien in kwistjoni s-sieheb ta' Nathalie Mercieca, mart il-parte civile David Farrugia izda separate minnu. Fil-lejl tal-4 ta' Jannar, 2014, Di Cicco u Mercieca, flimkien ma' xi familjari taghhom, kienu gejjin lura Malta minn Sqallija permezz tal-'catamaran', u maghhom kellhom ukoll iz-zewgt itfal li kellhom Mercieca u Farrugia fiz-zwieg. Gara li Farrugia gie jiltaqa' maghhom fejn jinzlu l-karozzi mill-vapur, fejn il-Waterfront, u hemmhekk inqala' argument bejnu u bejn Di Cicco, fejn anke kienet involuta Nathalie Mercieca. Farrugia sofra xi griehi, u mar jaghmel rapport l-Ghassa tal-Pulizija, fejn ittiehdu proceduri kemm kontra Di Cicco kif ukoll kontra Farrugia. B'xorti tajba, din il-Qorti kif presjeduta semghethom it-tnejn li huma dawn iz-zewg kawzi.

Mill-provi prodotti jirrizulta li David Farrugia kellu t-tfal tieghu imsiefrin m'ommhom u l-'partner' taghha, l-imputat, gewwa Sqallija, fiz-zmien tal-ewwel tas-sena 2014. Jidher li nqala' xi dizgwid bejn Mercieca u Farrugia dwar fejn kellhom jingabru t-tfal dak il-lejl, ghalhekk Farrugia mar il-Waterfront biex jigbor it-tfal tieghu minn hemm. Gara, izda, li nqala' argument fil-post fejn jinzlu l-karozzi minn fuq il-vapur. Farrugia dahal bil-vettura tieghu fiz-zona fejn jinzlu l-vetturi mill-'catamaran'. Hekk kif ra l-vettura misjuqa minn Di Cicco, hu saq il-vettura tieghu ghal fuqha u waqqaf ezatt quddiemha, hareg minnha u staqsa ghat-tfal. Din il-manuvra li ghamel Farrugia bil-vettura tieghu hija indikattiva hafna, fil-fehma tal-Qorti. Diga' turi l-animu li kellu Farrugia fuqu. Biss biss l-anqas suppost dahal bil-vettura tieghu f'din iz-zona, ahseb u ara kemm kellu dritt isuq il-vettura tieghu lejn vetturi ohra nezlin mill-vapur u jwaqqafhom. Fi kwalunkwe kaz, Farrugia jilmenta li sofra griehi gravi f'dan l-incident, u jallega li dawn il-griehi ghamilhomlu l-imputat. Dwar id-dinamika ta' kif gew fl-idejn Di Cicco u Farrugia kwazi hemm qbil, izda ma hemmx qbil dwar kif graw il-griehi. Farrugia qal fix-xiehda tieghu quddiem din il-Qorti li hu gie aggredit minn Di Cicco li qabadlu drieghu w lewieha lura ma' daru, b'mod li kellu ticrita fl-ispalla x-xellugija. L-imputat, min-naha tieghu, ighid li Farrugia gie

ghal fuqhom b'mod isteriku u beda jgebbed b'kemm kellu sahha fit-tieqa tal-vettura fejn kien hemm Di Cicco u Mercieca, tant li din it-tieqa inkisret u Farrugia waqa' mal-art. Madankollu, Farrugia qam u ghamel ghall-imputat, li min-naha tieghu iddefenda ruhu, izda qatt ma lewielu drieghu kif qal Farrugia.

Il-Qorti hi tal-fehma li ghalkemm hu minnu li Farrugia sofra griehi gravi, dawn gew ikkagunati minnu stess. Il-fatt li Farrugia dahal bil-vettura tieghu f'zona riservata fejn ix-xatt, fejn jinzlu l-vetturi, minn flok stenna barra din iz-zona biex jigbor lit-tfal tieghu, u l-fatt li Farrugia saq dik il-vettura ghal fuq il-vettura fejn kien hem mil-mara tieghu u l-'partner' taghha, jindika b'mod car li hu kien irrabjat sew ghalihom. Il-Qorti ghalhekk hija aktar propensa temmen il-verzjoni tal-imputat minn dik tal-parti leza f'din il-kawza. Kien Farrugia li aggredihom, u mhux vice versa. Farrugia ma kellux ghalfejn ikun hemm, fiz-zona riservata. Di Cicco u Mercieca zgur ma kellhomx hsieb li ser isibuh ma' wicchom hemm gew. Izda Farrugia dahal hemm u l-indikazzjoni hija li ma kienx kalm. Ghalhekk hija hafna aktar probabbli li hu hareg mill-vettura tieghu isaqsi ghat-tfal, u hija daqstant iehor probabbli li kien hu li infexx fit-tieqa tal-karozza u qalaghha minn mal-bieba billi kissirha. Ghalhekk il-verzjoni tal-imputat, li tista' tasal sal-grad tal-probabbli, hija aktar verosimili l-verita' ta' kif graw l-affarjiet dak il-lejl. Ghalhekk l-imputat ser jinstab hati biss tar-reat kontravenzjonali taht l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap 9, fejn ghalkemm ipprovokat, ingurja lil Farrugia. Rigward l-imputazzjonijiet l-ohra, dawn ma jirrisultawx. Di Cicco ma ghamel ebda ferita fuq Farrugia, izda spicca jiddefendi ruhu u lil Mercieca. Ma kienx hu li hebb ghal Farrugia, izda il-kontra. Zgur ma kienx hu li kiser il-paci pubblika, izda semmai kien Farrugia stess, u zgur li ma tax fastidju lil Farrugia skond l-Artikolu 251A tal-Kap 9: l-anqas jezistu l-elementi ta' dan ir-reat f'dan l-incident wahdieni.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 216, 221(1), 251A, 282, 338(dd), 339(1)(d) u 339(1)(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat hati tal-hames akkuza kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u qieghda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien xahar, ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

In oltre din il-Qorti mhix qieghda ssib lill-imsemmi imputat hati tal-ewwel, it-tieni, t-tielet, ir-raba' w is-stt akkuza kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u qieghda tilliberah minnhom.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**